**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 22 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru: 286/2014 MLF**

**Farsons Beverage Imports Company Limited**

**vs**

**Eduard Doandes**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija u wiehed u disghin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€3,991.29), import tal-prezz ta' diversi merci mibjugha lil konvenut u kkonsenjati mis-socjeta' attrici skont diversi fatturi, u dan kif jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz bhal Dok. "A" rilaxxajt mis-socjeta' attrici fir-rigward tal-konvenut; bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv.

   Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

i. Illi in linea preliminari l-esponent jirrileva li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

ii. Illi u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva li m'ghandu jhallas l-ebda somma fi flus kif indikata fit-talba;

iii. Illi fil-mertu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Il-konvenut kien jiggestixxi l-istabbiliment bl-isem Vox Ultra Lounge gewwa Paceville. Rosanne Micallef,[1] Group Credit Control Manager fi hdan is-socjeta' attrici, xehdet li l-konvenut kien talab lis-socjeta' attrici sabiex tfornih bi prodotti ta' xorb ghal dan l-istabbiliment. Spjegat li qabel mas-socjeta' attrici tibda taghmel fornitura bi kreditu titlob li l-klijent jiffirma *Credit Application Form* li tinkludi numru ta' termini u kundizzjonijiet.[2] Spjegat li l-konvenut kien iffirma din il-formola li fiha kien intrabat personalment ghal hlasijiet tal-fornitura li kienet ser issir. Ix-xhud esebiet diversi fatturi rapprezentanti merkanzija konsenjata mis-socjeta' attrici fl-istabbiliment tal-konvenut.[3]

ii. Il-konvenut xehed li huwa kien jiggestixxi l-istabbiliment in kwistjoni ghan-nom tas-socjeta' Cruz Enterprise Limited. Xehed li peress li hu kien ta' nazzjonalita' barranija, is-socjeta' attrici ma kenitx accettat li tfornih b'termini ta' kreditu u

[1] Ara x-xhieda ta' Rosanne Micallef a *fol*. 26 u 32 tal-process.
[2] Ara Dok RM1 a *fol*. 29 tal-process.
[3] Ara dawn il-fatturi mmarkati komplessivament bhala Dok RM2 a *fol*. 35 tal-process.

ghalhekk il-ftehim kien li l-hlas tal-merkanzija jsir mal-konsenja. Xehed ukoll li huwa ma kienx qieghed jaccetta t-talba tas-socjeta' attrici stante li l-fatturi ma kienux qeghdin jigu ffirmati minnu izda minn terzi ghajr ghal wahda fl-ammont ta' €925.64.[4] In kontro-ezami l-konvenut spjega li fiz-zmien meta ffirma l-*Credit Application Form* huwa kien Direttur tas-socjeta' Cruz Enterprise Limited. Qal ukoll li huwa kien jimpjega diversi persuni li kienu jahdmu f'dan l-istabbiliment.[5]

iii. Silvio Ellul, rapprezentant tas-socjeta' attrici, xehed illi fir-rigward tal-fattura datata 21 ta' Marzu 2012 fl-ammont ta' €128.52 u l-ircevuta annessa maghha tal-istess ammont izda bid-data tal-20 ta' Marzu 2012, u spjega li dik l-ricevuta ma tirraprezentax hlas li tkun irceviet is-socjeta' attrici u kien ghal din ir-raguni li fuq l-ircevuta hemm il-firma tal-persuna li rtirat il-merkanzija. Xehed li f'dan il-kaz il-klijent jew rapprezentant tieghu kienu marru jixtru direttament mill-hanut u mhux bil-konsenja bhal fil-kaz tal-fatturi l-ohra. Spjega li dan ikun possibbli ghaliex l-addetti tas-socjeta' attrici jaccertaw ruhom li dak il-klijent partikolari jkollu termini ta' kreditu mas-socjeta' attrici. Qal ukoll li wara Mejju tal-2012 is-socjeta' attrici ma baqghetx toffri l-possibilita' tal-konsenja bi kreditu stante li l-ammonti dovuti lilha ma kienux qeghdin jithallsu.[6]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. B'din il-kawza s-socjeta' attrici qeghda tfittex il-hlas tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata minnha fl-istabbiliment Vox Ultra Lounge, u dan ghab-bazi ta' *Credit Application Form* ffirmat mill-konvenut. Il-konvenut jilqa' ghal din it-talba billi b'mod preliminari jecepixxi li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici, imbaghad fil-mertu jecepixxi li hu ma ghandux ihallas l-ebda somma fi flus u li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

*L-Ewwel Eccezzjoni – Legittimu Kontradittur*

[4] Ara l-affidavit tal-konvenut u l-fattura annessa mieghu a fol. 55 tal-process
[5] Ara l-kontro-ezami tal-konvenut a fol. 60 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta' Silvio Ellul a fol. 68 tal-process.

7. Bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut jecepixxi li mhuwiex il-legittimu kontradittur. Fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu l-konvenut jargumenta li stante li fil-*Credit Application Form,* hu ma ffirmax fil-parti li kellha tigi mimlija mill-garanti u li ghalhekk hu ma kienx accetta li jaghmel tajjeb personalment ghall-hlasijiet li setghu jkunu dovuti lis-socjeta' attrici.

8. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 gie ritenut illi:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

9. B'din il-kawza, s-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ta' bilanc allegatament dovut lilha ghall-provvista ta' merkanzija skond numru ta' fatturi li nhargu lil Cruz Enterprises Limited bejn is-27 ta' Dicembru 2011 u s-26 ta' April 2012.[7] Il-Qorti tirrileva li sabiex jigi ddikjarat li l-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur, il-konvenut jehtieg li juri illi ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

[7] Ara r-rendikond u l-fattura relattivi immarkati Dok RM2 a fol. 35 tal-process.

Gie kostantement ritenut li fid-determinazzjoni ta' eccezzjoni bhal dik in ezami il-Qorti ma ghandhiex taghmel konsiderazzjonijiet fil-mertu izda ghandha tillimta l-kunsiderazzjonijiet taghha sabiex tistabbilixxi jekk l-attur setax javvanza l-azzjoni tieghu fil-konfront tal-konvenut.

10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Mifsud vs Mariano D'Amato** deciza fil-15 ta' Novembru 2006, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[8] irriteniet illi *"... ghal fini tal-valutazzjoni tal-legittimazzjoni tal-kontradittorju wiehed ghandu necessarjament u guridikament jiehu rigward ghall-prospettazzjoni ta' l-attur bl-azzjoni minnu intentata u mhux ghall-ezitu tal-kontroversja. Fi kliem iehor, jekk il-konvenut huwiex ukoll il-legittimu kontradittur jiddependi mill-accertament maghmul fuq il-bazi tad-domanda proposta, jigifieri, mir-rizultat persegwit mill-attur fil-gudizzju."*

11. Sabiex jigi stabbilit jekk hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, il-Qorti trid tikkunsidra jekk fuq bazi *prima facie* jirrizultax li l-konvenut kellu involviment materjali fit-tranzazzjonijiet li fuqhom hija mibnija l-azzjoni attrici. F'dan il-kaz jirrizulta li sar ftehim rifless fl-accettazzjoni da parti tal-konvenut tal-*Credit Application Form*, li bih is-socjeta' attrici tat kreditu ghall-hlas tal-fatturi lis-socjeta' Cruz Enterprises Limited, u dan taht numru ta' termini u kundizzjonijiet indikati fl-istess ftehim.

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jressaq l-argument li s-socjeta' attrici ma pprezentatx l-original ta' din il-*Credit Application Form*, u li ghalhekk il-kopja esebita minnha ma hijiex l-ahjar prova li kellha tigi prezentata. In sostenn ta' dan l-argument tieghu, l-konvenut ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[9] nhar it-22 ta' Mejju, 2017 fl-ismijiet **Farsons Beverage Imports Company Limited vs Marco Aquilina et**. Oltre l-fatt li l-fattispecie tal-kaz citat mill-konvenut huma differenti minn dawk tal-kawza odjerna, il-Qorti tosserva li meta xehed in kontro-ezami l-konvenut ikkonferma li huwa kien iffirma *"a credit application to supply drinks to my club. I am being shown Dokument RM2, which has already been exhibited by Rosanne Micallef, representing Farsons and I recall signing this document"*.[10] Issa huwa

---

[8] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[9] *Per* Imhallef Lawrence Mintoff
[10] Ara fol. 60 tal-process

minnu li l-*Credit Application Form* huwa mmarkat bhala Dokument RM1 u mhux RM2, madankollu din il-Qorti hija konvinta li dan kien *lapsus* tal-Assistent Gudizzjarju li quddiemha sar il-kontro-ezami tal-konvenut, u dan anke fid-dawl tal-fatt li fuq Dokument RM2, li huwa rendikont tal-fatturi, ma hemm ebda firma. In oltre, imkien fix-xhieda tieghu l-konvenut ma qal li l-firma li tidher fuq il-*Credit Application Form* esebita in atti ma kinitx tieghu. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-argument imressaq f'dan ir-rigward mill-konvenut mhux qieghed jigi milqugh.

13. Minn harsa lejn dan il-*Credit Application Form* jirrizulta li l-konvenut iffirma taht dikjarazzjoni, li tifforma parti mill-istess ftehim, li taqra kif gej:

*"In conjunction with this application for credit, I verify that I have read and understood the above terms and conditions and agree to be bound by all the conditions above.*

***Signed by the Director/s or Owner/Spouse, personally and on behalf of the Re-Seller****"* (enfasi fl-kopja tal-iskrittura ezebita in atti)

14. In oltre, klawzola numru 10 ta' dan il-ftehim taqra hekk:

*"The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all the obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the repayment of all overdue payments and interest due to the Company under this agreement."*

15. Din il-klawzola ma thalli ebda dubju li f'dan il-kaz tezisti relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, li waqt ix-xhieda tieghu in kontro-ezami ikkonferma li meta ffirma dan il-ftehim huwa kien Direttur tas-socjeta' Cruz Enterprise Limited. Huwa ghalhekk evidenti li bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut tezisti relazzjoni guridika stante li l-konvenut intrabat personalment bit-termini u kundizzjonijiet indikati fil-*Credit Application Form*.

16. Ghalkemm huwa minnu li l-prodotti fornuti mis-socjeta' attrici gew ordnati mis-socjeta' Cruz Enterprises Limited, li hija l-kumpanija msemmija fil-*Credit Application Form* bhala "*Re-seller*" u wkoll hija s-socjeta' li f'isimha kienu jinhargu l-fatturi mis-socjeta' attrici, l-involviment tal-konvenut fit-tranzazzjonijiet mertu tal-kawza jirrizulta mill-kapacita' li fiha, b'mod espress, il-konvenut iffirma l-ftehim ghall-ghoti ta' termini ta' kreditu. Il-fatt li l-konvenut ma ffirmax ukoll fuq dik il-parti tal-ftehim riservata ghall-garanti ma tbiddel xejn mill-fatt li l-konvenut accetta, fil-kwalita tieghu ta' Direttur tas-socjeta' Cruz Enterprise Limited, li jkun personalment responsabbli solidalment mas-socjeta' li taghha kien Direttur, ghall-hlasijiet li jistghu jkunu dovuti lis-socjeta' attrici.

17. Ghaldaqstant il-konvenut ma jistax jitqies li mhuwiex il-legittimu konradittur tas-socjeta' attrici u konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni tieghu ser tigi michuda.

*Il-Mertu*

18. Fil-mertu l-konvenut jecepixxi li hu ma ghandux ihallas l-ebda somma fi flus lis-socjeta' attrici u li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

19. Il-Qorti tibda billi tosserva li huwa principju ben stabbilit fil-kamp civili illi jinkombi fuq l-attur l-oneru sabiex jipprova l-kaz tieghu, ghaliex fin-nuqqas il-gudikant ikun kostrett jillibera lill-konvenut ghab-bazi tal-massima legali illi *actore non probante reus absolvitur.* F'dan il-kaz, is-socjeta' attrici esebiet rendikont li jinkludi numru ta' fatturi li kienu mahruga minnha ghall-provvista ta' merkanzija supplita lis-socjeta' Cruzz Enterprises Limited. Rosanne Micallef, rapprezentant tas-socjeta' attrici, xehdet li din il-merkanzija kienet giet ikkonsenjata mis-socjeta' attrici fl-istabbiliment gestit mill-konvenut u li fuq kull wahda minn dawn il-fatturi tirrizulta l-firma tal-persuna li tkun rceviet il-merkanzija.

20. Il-konvenut jikkontendi li huwa ma kienx ta struzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex taccetta ordnijiet minghand terzi jew tikkonsenja l-merkanzija lil terzi, u ghalhekk jghid li ma jistax jigi ordnat ihallas fir-rigward ta' dawk il-fatturi li fuqhom ma hemmx il-firma tieghu.

21. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li l-konvenut xehed li huwa kien jimpjega terzi, inkluz *Manager* sabiex jiggestixxi l-istabbiliment in kwistjoni. Il-konvenut ma ressaq l-ebda wiehed minn dawn l-impjegati sabiex jipprova li l-firem fuq il-fatturi ma kienux taghhom. Dak li setghet tipprova s-socjeta' attrici huwa li saret il-konsenja da parti taghha bil-firem tal-persuni li jkunu rcivew il-merkanzija fuq il-fatturi. Il-konvenut ma ressaq ebda prova li dawn il-firem ma kienux tal-impjegati tieghu, liema prova kienet tispetta lilu.

22. In oltre, il-Qorti tosserva wkoll li fix-xhieda tieghu il-konvenut ma cahadx li l-firem hemm indikati kienu tal-impjegati tieghu. Jekk kif jargumenta l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu sabiex jordnaw jew jaccettaw merkanzija, il-Qorti kienet tistenna li fatt daqstant importanti l-konvenut kien jixhed dwaru matul il-kawza u mhux isemmih biss fis-sottomissjonijiet finali. Finalment lanqas hija verosimili l-verzjoni tal-konvenut li hu wahdu kien awtorizzat jaccetta l-merkanzija, tenut kont tal-fatt li l-konvenut stess xehed li r-residenza ordinarja tieghu mhijiex gewwa Malta u ghalhekk huwa minn ewl id-dinja li ma setghax ikun dejjem prezenti fl-istabbiliment kull darba li ssir il-konsenja tal-merkanzija mis-socjeta' attrici.

23. Fir-rigward imbaghad tal-argument imressaq mill-konvenut fin-nota ta' sottosmissjonijiet tieghu li l-fattura bin-numru 303761 fl-ammont ta' €128.52 u dik bin-numru 304961 fl-ammont ta' €925.64 kienu gew imhallsa, il-Qorti tqis li fl-affidavit tieghu l-konvenut kien iddikjara li huwa ma kienx qed jaccetta t-talba tas-socjeta' attrici *"except for the one invoice which was counter signed by myself – invoice attached"*.[11] Il-fattura annessa kienet dik bin-numru 304961 fl-ammont ta' €925.64. Ghalhekk dan l-argument li l-konvenut jaghmel fin-nota ta' sottosmissjonijiet imur kontra dak iddikjarat minnu fix-xhieda tieghu. Fir-rigward tal-fattura bin-numru 303761 fl-ammont ta' €128.52, il-Qorti tqis li hija verosimili l-verzjoni tax-xhud Silvio Ellul li l-firma fuq ir-ricevuta relattiva ghal din il-fattura tindika li l-persuna tkun iritirat il-merkanzija mill-hanut u mhux li s-socjeta' attrici rceviet il-hlas.

24. Finalment, b'referenza ghal dak li jikkontendi l-konvenut li l-konsenja tal-merkanzija da parti tas-socjeta' attrici ma kienitx issir b'termini ta' kreditu izda li l-hlas kien isir mal-

[11] Ara l-affidavit tal-konvenut u l-fattura annessa mieghu a *fol.* 55 tal-process.

konsenja, il-Qorti tosserva li dan huwa kontradett mill-*Credit Application Form* li kif gja rilevat kien gie accettat u iffirmat mill-konvenut. In oltre, dan huwa wkoll kontradett minn dak iddikjarat mill-konvenut fl-affidavit tieghu li huwa kien qieghed jaccetta li l-hlas fir-rigward ta' wahda mill-fatturi huwa fil-fatt dovut. Huwa kontrosens li l-konvenut jghid li l-hlas kien isir mal-konsenja u fl-istess nifs jammetti li l-firma fuq wahda mill-fatturi hija tieghu u li l-ammont indikat fiha jaccettah bhala dovut.

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis li s-socjeta' attrici rnexxilha tipprova l-ammont minnha pretiz u konsegwentement it-talba taghha ser tigi milqugha fl-intier taghha.

**Konkluzjoni**

26. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

2. Tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija u wiehed u disghin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€3,991.29), bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

27. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**